PDF Compressor Pro



# L-Anniversarju tat-Twelid ta' Padre Pio

Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Mejju, kienet okkażjoni speċjali għall-membri tal-Gruppi ta' Talb ta' Padre Pio Għawdxin. Dak inhar kien jaħbat l-124 anniversarju mit-twelid tal-Qaddis Fundatur ta' dawn il-Gruppi ta' Talb. Biex jiċċelebraw dan l-anniversarju, il-membri ltaqgħu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, ir-Rabat, Għawdex, fejn illum wieħed isib statwa artistika ta' dan il-Qaddis maħduma mill-iskultur Għawdxi Alfred Camilleri Cauchi. Iċ-ċerimonja bdiet bir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat u wara ngħatat l-Barka Sagramentali. Il-Provinċjal tal-Kapuċċini f'Malta, Patri Emanuel Barbara, OFM.Cap, ippresieda Quddiesa konċelebrata flimkien ma' Patri Karm Dimech, OFM.Cap, Gwardjan u Direttur Spiritwali tal-Grupp ta' Talb tar-Rabat u l-Kanonku Salvu Grima, Direttur Spiritwali tal-Grupp ta' Talb tan-Nadur.

Fl-omelija tiegħu, Patri Barbara fisser kif minn żogħżitu, Patri Piju xtaq li jsir qaddis. Minkejja li kien sofra umiljazzjonijiet u saħansitra persekuzzjoni mill-knisja minħabba l-pjagi tiegħu, Patri Piju dejjem żamm sħiħ fit-twemmin tiegħu għax dejjem kien qal il-verità. Fit-tbatija li sofra, huwa qatt ma gemgem jew irribella; imma għaraf isofri bil-qalb, kollox b'rabta sħiħa mar-rieda t'Alla. Kull min xi darba ltaqa' ma' Patri Piju, induna li kien iltaqa' ma' Qaddis. L-unika missjoni tiegħu fuq din l-art kienet li jħabbeb mill-ġdid il-midneb ma' Alla l-Imbierek u għalhekk eluf fuq eluf ġrew lejn San Giovanni Rotondo biex jisimgħu l-parir tiegħu u jimxu fuqu.



Waqt il-Konċelebrazzjoni Solenni. Jidhru Il-Provinċjal tal-Kapuċċini f'Malta, Patri Emanuel Barbara, OFM.Cap, flimkien ma' Patri Karm Dimech, OFM.Cap, Gwardjan (xellug) u l-Kanonku Salvu Grima (lemin)

Biex jitfakkar dan l-anniversarju, Vincent Vella, *leader* tal-Grupp ta' Talb tar-Rabat, għan-nom tiegħu u tal-Gruppi ta' Talb Għawdxin kollha, ippreżenta donazzjoni ta' 4060 ewro lill-Provinċjal Patri Barbara biex isiru Seba' Boroż ta' Studju b'rizq il-Patrijiet Kapuċċini tal-Kenja.

Iċ-ċerimonja ntemmet bil-kant tal-Innu lil Padre Pio. Il-Kor Fjur t'Assisi ħa sehem tul iċ-ċerimonja kollha.



Uħud minn dawk preżenti għall-festa ta' San Pio tal-Pjagi fil-Knisja Kapuċċini, fir-Rabat, Għawdex

MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Membri żgħar tal-Kor Fjur t'Assisi. Jidhru Julia Kvas u Jessica Cassar



Waqt il-preżentazzjoni tal-boroż ta' studju minn Vincent Vella

# Il-Fundazzjoni Arka tirċievi għajnuna mil-Londra

Rappreżentanti ta' *The Maltese Charities* ta' Londra flimkien ma' Joe Xuereb skultur Għawdxi, għamlu żjara lil Fundazzjoni Arka f'Għajnsielem fejn iltaqgħu mad-Direttur Mons. Emanuel Curmi u mal-maniġer tad-Dar Joe Cremona.

Matul il-laqgħa, ingħataw dettalji dwar ix-xogħol u proġetti li għadejjin fiċ-ċentru Arka bil-ħsieb li r-*Respite center* ittejjeb il-faċilitajiet tiegħu għal dawk kollha li jagħmlu użu mis-servizzi li jingħataw. Aktar tard d-delegazzjoni tal-*Malta Charities Association* komposta minn Michael Rapinet u s-Sinjura tiegħu, Tina Rapinet għamlu għotja sabiħa ta' għaxart elef ewro lid-Direttur tad-Dar Arka, Mons Emanuel Curmi.

Dawn il flus inġabru matul *Gala Dinner* li sar ġewwa *The Landmark Hotel* Londra f'Novembru 2010. Din l-attività tinżamm kull sena, bil-ħsieb li jinġabru flus għall-istituzzjonijiet Maltin u Għawdxin li jaħdmu fil-qasam filantropiku. Matul l-ikla jiġu irkantati diversi oġġetti tal-arti li anke din is-sena wieħed mill-oġġetti kien xogħol l-iskultur Joe Xuereb. Din id-darba mill-għotja li għamel dan l-iskultur, inġabret is-somma ta' €2000, għar-raġuni li kienu ħafna li tefgħu l-offerti tagħhom għall-iskultura magħmula mill-ġebla Maltija.

Ta' min isemmi li kien Joe Xuereb li rrakkomanda sabiex *The Malta Charities* jgħinu għal darba oħra lill-Fundazzjoni Arka. Fil-passat għaqdiet oħra Għawdxin bħall-Fundazzjoni Oasi u l-Fundazzjoni Eden ibbenifikaw minn għajnuna simili mogħtija mill-istess Għaqda bbażata ġewwa Londra.



Waqt il-preżentazzjoni tal-flus lid-Dar Arka. Jidhru mix-xellug is-Sinjura Tina Rapinet, Mons. Emanuel Curmi u Joe Xuereb

# Jum il-Familja

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Appostlu Missierna San Pawl fil-Munxar, ġie iddedikat jum għall-Familja. Kien xieraq għalhekk li tliet koppji kienu mistiedna jfakkru l-anniversarju miż-żwieġ tagħhom f'Quddiesa speċjali fejn Feliċ u Marija Debrincat fakkru l-50 sena filwaqt li Tony u Georgette Bezzina kif ukoll Michael u Miriam Borg fakkru l-25 sena. Dawn, quddiem il-familjari tagħhom u l-komunità parrokjali, ġeddew il-wegħda taż-żwieġ bl-iskop li jkomplu jimpenjaw ruħhom għall-kumplament ta' ħajja miżżewġa flimkien. It-tliet koppji għalhekk servew ta' xhieda konkreta ta' perseveranza fil-ħajja miżżewġa fost diffikultajiet li kulħadd jista' jġarrab u jissupera bil-għajnuna t'Alla u b'sens ta' sagrifiċċju u rispett lejn xulxin.

Biex imexxi l-Quddiesa ġie mistieden Dun Ġużepp Mercieca fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu li għamel il-ħsieb tal-okkażjoni. Kien xieraq ukoll li jiġi mfakkar il-50 sena minn meta Swor Maria Clemenza Gravino issieħbet mal-komunità reliġjuża tas-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Govanna Antida li għandhom il-kunvent tagħhom fil-Munxar.

F'egħluq din it-tifkira dawk preżenti kienu mistiedna għall-bibita li matulha sar il-qsim ta' kejk tal-okkażjoni.



Mix-xellug:- Fr Joseph Mercieca, Tony Bezzina, Felic Debrincat, Georgette Bezzina (fuq wara), Maria Debrincat, Miriam Borg, Michael Borg, Nicole Borg (it-tifla tagħhom) u Swor Clemenza Gravino